**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Stephen Mamo**

Numru 49/2012

Illum 15 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Stephen Mamo**, ta' erbghin (40) sena, iben Joseph u Loreta nee' Agius, imwieled Attard, Malta, nhar is-17 ta' Ottubru 1971, residenti fil-fond 'Sagra Famiglia', Triq il-Bies, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 466871(M), akkuzat talli nhar l-4 ta' Marzu 2012 u fil-granet ta' qabel, gewwa l-Imgarr, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti;

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi

Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli sar recediv b'sentenza moghtiha mill-Qorti tal-Appell nhar it-23 ta' Lulju 2010 (Prim Imhallef Dr. V. De Geatano LL.D.) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief ssibu hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom l-ammissjoni tieghu.

Il-Qorti se tiehu konjizzjoni fil-piena l-fatt li l-imputat huwa recediv;

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah multa ta' mitt ewro (€100).

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "FT 2" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**